MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 386/2005

**Maltacom plc**

**Vs**

**Francis Fenech u Pauline Fenech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta Frar 2005, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa mija u tlettax il-lira u tnejn u sebghin centezmu (Lm913.72) rapprezentanti kont ta' servizz rez telefoniku bin-numru 21672682 kif jirrizulta minn dokumenti annessi markati Dok A u B u dana stante li l-konvenuti kienu gew interpellati inutilment;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tat-13 ta Jannar 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni taghhom u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma mitluba ta’ disa mija u tlettax il-lira u tnejn u sebghin centezmu (Lm913.72) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tas-sentenza u bl-ispejjes ta’ dina l-istanza a karigu tal-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------